**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta'Novembru 2021**

Rikors Numru: 346/21 AL

ABC

vs

DB

(MR Number 100/2015)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu nhar is-sbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (17/01/2015) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv mija tas-sena elfejn u hmistax (100/2015) u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

2. Illi l-esponenti sseparaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr. Malcolm Camilleri datat tmienja u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (28/12/2018) liem kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok ’B’.

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

4. Illi ma hemm I-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi I-partijiet ilhom separati mit-tmienja u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfein u tmintax (28/12/2018) u ghalhekk ilhom separati ghal aktar minn sena (1) matul I-ahhar sentejn (2) precedenti dan I-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B(a) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta, hekk kif ammendat permezz tal-Att XXV of 2021.

5. Illi dwar manteniment I-esponenti jiddikjaraw li skont il-klawzola 3 tal-kuntratt tas-separazzjoni, hadd ma huwa obbligat li jhallas manteniment lill-parti I-ohra.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond I-artikolu 66B tal-kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

7. Illi I-esponenti abc tixtieq illi tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe' Faenza.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

3. Tawtorizza lil ABC tirriverti lura ghal-kunjom xbubitha u cioe’ C.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi huwa jaqbel mat-talbiet kif dedotti b'dan illi huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Settembru, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Dicembru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “Faenza”, qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.